**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 230/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**Sandro (Alexander) Camilleri**

Illum is-17 ta' Gunju 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq Sandro (Alexander) Camilleri, ta' 49 sena, iben Francis u Rita nee' Falzon, imwieled Sliema, nhar il-1 ta' Maejju 1971, residenti gewwa 40, Le Mirage, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0223671M

Akkuzat talli, fit-22 ta' Dicembru, 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel, f'diversi hinijiet matul il-gurnata, gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Xjentement laqa' ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll sabiex tordna lill-imputat ihallas id-danni ai termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2021, wara li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat, iddikjara li huwa hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Il-fedina penali ta' l-imputat, li ghalkemm mhiex netta ma jirrizulta xejn alarmanti fiha u lanqas ma jirrizultaw sentenzi registrati relatati ma dan it-tip ta' reat.
- L-amissjoni ta' l-imputat saret fl-iktar stadju bikri u ghandha, konsegwentement titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.
- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- Il-parte civile dikkjara li kien qed jahfer lill-imputat u li ma ghadx hemm aktar pretensjonijiet bejniethom u li illum il-gurnata gie kkumpensat ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu, tant li anke zammew relazzjoni kummercjali.

- Il-prosekuzzjoni u l-parte civile stqarrew li l-imputat wera u ta kooperazzjoni shiha u ttenniet li l-imputat ghandu jinghata piena alternattiva ghal dik wahda karcerarja u li ghandu jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor f'perjodu ta' zmien li ghandu jigi determinat mill-Qorti.

- Id-difiza ta' l-imputat tenniet li taqbel mas-suggerimenti tal-prosekuzzjoni u l-parte civile ghar-rigward il-piena.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 334 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Sandro (Alexander) Camilleri, fuq ammissjoni tieghu stess, hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah bil-kondizjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum skont l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fisret is-sentenza lil hati skont l-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar is-17 ta' Gunju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**